Kunsill Lokali Fontana

---

Minuti laqgħa 19 tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar it-Tnejn, 28 ta' Lulju 2014 fit-3.00 ta' wara nofs in-nhar fis-Sala tal-Komunita'.

Preżenti għal laqgħa:

| | |
|---|---|
| Saviour Borg | Sindku |
| Victor Cefai | Viċi Sindku |
| Horace Micallef | Kunsillier |
| Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Mario Mercieca | Kunsillier |
| Odette Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

1. <u>Talba</u>

1.1 Il-laqgħa ġiet ipreseduta mis-Sindku Saviour Borg. Bdiet b'talba mis-Segretarju Eżekuttiv.

1.2 Is-Sindku awgura ħidma siewja u kull suċċess lis-Segretarju Eżekuttiv Odette Camilleri fil-Kunsill Lokali tal-Fontana.

2. <u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti</u>

2.1 Il-minuti tas-16, 17 u 18 il-laqgħa ġew approvati b'xi korrezzjonijiet fis-16 il-laqgħa.

2.2 Is-Sindku nforma lil preżenti li l-Perit għadu ma rċieva ebda risposta fuq it-tindif tal-Wied tax-Xlendi minngħand il-MEPA. Il-Perit ser jerġa jikkuntatja lil MEPA f'dan ir-rigward. Is-Sindku qal li għandha tinkiteb ittra lis-Segretarju Parlamentari Michael Falzon u kopja lil Prim Ministru u lil Ministru għal Għawdex rigward id-dewmien ta' risposta mill-MEPA.

2.3 Is-Sindku nforma lil Preżenti li waslu l-erba' fanali dekorattivi *energy saving* u *enviromental friendly* li kienu ordnati lil Richard Cauchi u dawn ġew iċertifikati mill-Enġ. Mario Galea.

2.4 Il-Viċi Sindku, Victor Cefai staqsa meta ser jiġi is-Seg. Parlamentari l-Onor. Buontempo peress li ż-żjara tiegħu reġgħet tħassret. Is-Segretarja nfurmat lil preżenti li l-Kunsill għadu ma ġiex avviċinat.

3. <u>Ħruġ ta' Offerti</u>

3.1 Is-Segretarju nfurmat lil Kunsilliera li ħarġet it-*tenders* ta' l-*on line streaming* u tat-tindif u manteniment tal-latrini pubbliċi li ser jagħlqu fil-25 t'Awwissu 2014 f'nofsinhar. Il-prezz għal ġbir ta' kull offerta hu ta' €50.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555


S. Borg

3.2 Is-Sindku nforma lil preżenti li hemm bżonn tinħareġ it-tender għat-twessiegħ tat-triq u l-bini ta' ħajt ta' l-aħħar ħamsa u tlettin metru fi Triq John Gaspard de la Merchant. Is-Segretarja għandha tkellem lil Perit Gordon Vella sabiex tinħareġ din it-*tender*.

3.3 Il-preżenti qablu li għandha tinħareġ *quotation* għal insurance tal-Kunsill. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li għandna nimxu mar-rakomandazzjoni tal-*management letter* sabiex iniżżlu li għandna aktar assi. Is-Segretarja għandha tieħu l-parir ta' l-Accountant tal-Kunsill Johanna Caruana.

4. Skema Ħaddiema fil-Komunita'

4.1 Is-Segretarju infurmat lil preżenti li kitbet kemm il-darba permezz ta' e-mejl lil Marcell Bonnici, kap ta' l-ETC f'Għawdex għal talba ta' żewġ ħaddiema mal-Kunsill taħt l-iskema ħaddiema fil-Komunita'. Is-Segretarja għandha għal darb'oħra terġa tiktiblu. Il-Viċi Sindku, Victor Cefai qal li jekk il-Kunsill ma jkollux risposta, il-Kunsill jibgħat bil-miktub lil Ministru konċernat. Victor Cefai kompla jgħid li għandha ssir laqgħa mas-Sur Bonnici.

5. Korrispondenza

5.1 Brian Borg, Kap tat-taqsima tad-drenaġġ fi ħdan il-Water Services Corporation fejn kiteb li meta sar il-*water culvert* fejn il-belvedere fi Triq ta' Mullejja saru xi komunikazzjonijiet ħżiena bil-konsegwenza li qed jidħol xi drenaġġ għand xi resident fi Triq Għajn Tuta. Is-Sindku qal li l-*water culvert* kien sar mill-Ministeru għal Għawdex u mhux mill-Kunsill. Peress li l-korrispondenza tas-Sur Brian Borg ma kienitx ċara, Horace Micallef qal li għandu jiġi ikjarifikat il-punt. Il-membri qablu li jekk ix-xogħol sar mill-Ministeru għal Għawdex it-tiswija ssir mill-Ministeru stess.

5.2 Il-Kunsill irċieva talba sabiex issir mera tat-traffiku faċċata tad-dar 'Ambrossia' fi Triq l-Isptar San Ġiljan. Il-membri qablu li għandha ssir talba lil Transport Malta.

5.3 Talba sabiex issir *un/loading bay* quddiem Lunzjata Mansions Accomodations fi Triq ta' Mullejja minħabba li x'ħin jaslu t-turisti qed isibu problema ta' parkeġġ sakemm iħottu l-bagalji. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lil Transport Malta.

5.4 Skyline webcams Malta & Gozo fejn din il-kumpanija twaħħal webcams HD Live cameras sabiex jippromwovu l-lokalita' għat-turisti. Il-membri qablu li għandu jintalab prezz għal din il-webcam.

5.5 Rigward il-fondi measure 313 tal-pavimentar ta' Wied Siekel, fejn is-Segretarju kitbet lil Marisa Debono li hi nkarigata mill-fondi, fejn infurmatha li l-Kunsill għadu ġabar €17285.45 jiġifieri b'20% inqas



S. Borg

minn kemm kien imwiegħed lil Kunsill. Michael Gatt mill-Gozo Action Group Foundation informa lis-Segretarju li l-20% għadhom ma ngħatawx peress li l-MSDEC għadhom m'għamlux *inspection*. Is-Sindku nforma lil preżenti li l-*inspection* ilha li saret.

5.6 VIAFIX fejn infurmaw lil Kunsill bit-tip ta' tarmac għal *patching* li għandhom. Il-Kunsill qabel li s-Segretarju għandha tiċċekkja x'tip ta' tarmac hu u titlob li ssir demostrazzjoni ta' kif jiġi wżat. Il-Kunsill qabel li għandha ssir demostrazzjoni tal-prodott f'ħofra li hemm fi Triq il-Kappillan Hili u li kienet imressqa mill-Kunsillier Mario Mercieca. Il-membri qablu ma dan.

5.7 Is-Segretarja nfurmat lil preżenti li ser jiġi ffirmat il-kuntratt tagħha bħala Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill tal-Fontana għat-tlett snin li ġejjin.

5.8 V18 – Jeremy Azzopardi fejn talab li jiltaqa' mal-Kunsill sabiex jiġbor tagħrif fuq il-Fontana u xi attivitajiet kulturali li jsiru. Is-Sindku ser jiltaqa' miegħu.

5.9 GAGF rigward fondi għal trangar ta' *farm access roads*. Il-Kunsill m'għandux dawn it-tipi ta' toroq fil-lokalita' u għalhekk m'għandux għalfejn japplika.

5.10 Il-Malta Records sabiex il-Kunsill jagħmel *stand* fejn jipromwovi r-records li jkun kiseb għal ħlas ta' €300. Il-Kunsill mhux interessat.

5.11 Is-Sindku nforma lil preżenti li s-Sur Christopher Cutajar, il-kuntrattur tat-tindif u manteniment tal-latrini pubbliċi ġedded il-garanzija sa Novembru 2014.

5.12 Memo 21/2014 – Dokumenti preżentati waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Il-membri infurmaw lis-Segretarja li m'hemmx għalfejn li tistampa tali dokumenti, b'hekk il-Kunsill ikun qed jieħu inizjattivi favur l-ambjent u jintuzaw aħjar ir-riżorsi tal-Kunsill.

6. Approvazzjoni tal-kontijiet

6.1 Skeda Nru 16 tal-ħlasijiet ġew approvati mill-membri tal-Kunsill.

7. Materji Oħra

*Sindku:*

7.1 Is-Segretarju Parlamentari Justyne Caruana fejn stiednet lis-Sindku sabiex jattendi laqgħa flimkien ma Sindki oħra Għawdxin. Is-Sindku ser jipproponi sabiex isir *night shelter* għal anzjani f'Għawdex.

7.2 Is-Sindku flimkien mal-Perit Gordon Vella attendew għas-seduta tal-Bord tal-MEPA fejn ġie approvat iit-tiġdid tal-permess għat-tkomplija taċ-Ċentru Ċiviku.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

7.3 Is-Sindku attenda għal laqgħa tal-Kabinett fuq stedina tal-Prim Ministru, li saret fl-iskola Sekondarja tas-subien tal-Belt Victoria. Huwa informa lil preżenti x'wettaq il-kunsill u l-problemi li qed jiltaqgħu magħhom, fosthom in-nuqqas ta' fondi, dwar il-problema preżenti biex jitkompla iċ-Ċentru Ċiviku, peress li hemm kawża il-qorti li ilha aktar minn 9 snin, wara li l-Kummissarju ta' l-Artijiet ħareġ ordni ta' żgurbrament kontra Anthony Cassar. Is-Sindku talab l-intervent tal-kabinett biex din il-problema ma titwalx aktar, peress li l-qorti fl-aħħar seduta tat żmien biex it-trattazzjoni li hemm bejn il-Ministru għal Għawdex u Anthony Cassar tingħalaq sat- 3 ta' Ottubru 2014. Il-kunsill ma hux infurmat bl-andament ta' din il-medjazzjoni. Issemma wkoll biex jingħataw żewġ ħaddiema oħra mal-kunsill, peress li madwar sena ilu ittieħdu żewġ ħaddiema li kellu miegħu il-kunsill. Is-Sindku semma wkoll il-bżonn li jsiru it-toroq arterjali li għandna fil-Fontana, it-tkomplija ta' Triq l-Isptar San Ġiljan, u ta' Triq il-Għajn.

7.4 Gie ffirmat il-kuntratt mal-Eco Serv għal monitoraġġ tat-tindif tal-Wied tax-Xlendi.

7.5 Is-Sindku kellu laqgħa mal-Perit Saliba dwar il-*method statement* li ppproponew l-*Enviroment Section* tal-MEPA dwar it-tindif tal-Wied tax-Xlendi.

7.6 Is-Sindku attenda għal laqgħa ta' urġenza tal-kumitat reġjonali fejn ġie diskuss id-devoluzzjoni tad-dawl tat-toroq.

7.7 Twaħħlu bankijiet u bollards fi Pjazza l-Għejjun li bi żvista ma tniżżlux fil-minuti preċedenti.

7.8 Is-Sindku nforma lil preżenti li l-Uffiċċju Elettorali ra l-prezz ta' €350 għal kiri tas-sala tal-Komunita' għoli. Is-Sur Horace Micallef u Mario Mercieca ssuġerixxew li għandha tinġibed l-attenzjoni tas-Segretarju Parlamentari Dr Justyne Caruana li d-Dar Parrokkjali mhux adekwara għal Persuni b'Diżabilita' biex isir il-bdil ta' l-*ID Cards* tar-residenti Fontanin.

7.9 Saret id-disa' ħarġa soċjo kulturali ta' Jum għal Sqallija. Membri tal-Kunsill flimkien mar-residenti żar Randazzo, Floresta li huwa l-ogħla villaġġ ta' Sqalliija u ċ-Ċentru Kummerċjali f'Catania. Attendew 40 persuna fosthom is-Sindku u l-Kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia.

7.10 Rigward il-kont ta' AF Ellis tal-madum taz-zuntier. Is-Sindku qal li l-Perit għandu jnaqqaslu mill-kont peress li ingħatalu xi madum lura u hemm il-każ pendenti ta' madum difettuż li kien twaħħal fejn iz-zuntier.

7.11 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw f'isem il-Kunsill it-tiġdid tal-kuntratt għal 3 snin oħra, dwar id-*Day Centre* għal anzjani fiċ-Ċentru tal-MAS f'Għajnsielem. Dan sar fil-Ministeru għal Għawdex. Is-Sur Horace Micallef issuġerixxa li l-Kunsill għandu jiċċekja ma' l-



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S.Bay

uffiċċju ta' l-anzjani fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex il-Kunsill ikun jaf kemm anzjani Fontanin qed jattendu f'dan iċ-ċentru.

7.12 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Perit Saliba dwar il-laqgħa li kellu mal-MEPA dwar it-tindif tal-Wied tax-Xlendi.

7.13 Is-Sindku ssuġerixxa li s-Segretarja għandha tikteb lil Go plc sabiex it-*telephone box* li hemm fi Pjazza l-Għejjun tinqala'u titwaħħal waħda li taqbel iktar ma' l-ambjent peress li dik li hemm hija *silver aluminium*. Il-membri qablu ma dan.

7.14 Is-Sindku propona li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-MEPA rigward il-muturi ta' l-*air conditioners* li hemm imwaħħla biswit l-Għajn ta' Bendu fi Pjazza l-Għejjun hija skedata Grad 1. Il-membri qablu ma dan.

7.15 Is-Sindku ppropona u kien hemm qbil fost il-membri sabiex issir ħarġa għal Malta għal Festa tas-Salvatur f'Ħal Lija nhar il-5 t'Awwissu 2014 mal-vapur tas-6.35pm. Il-prezz għandu jkun ta' €3 għar residenti u €5 għal min mhux resident. Is-Sindku ser jieħu ħsieb it-transport.

7.16 Dwar il-kwotazzjoni għal interim audit accounts minn għand l-Awdituri Spiteri Baileys, l-Ex Aġent Segretarja infurmat lis-Sindku fil-preżenza tas-Seg. Eżekuttiv illi ser jiċċarġjaw lil Kunsill €1,500. Il-membri qablu li għandha tinħareġ kwotazzjoni mhux tingħata *direct order.*

7.17 Rigward it-tqassim tal-korrispondenza lil Kunsillier Mario Mercieca, is-Sindku informa lil prezenti illi l-ħaddiem Terry Attard kien mingħalih li d-dar kienet għadha qed tiġi rranġata u ma kien jabita' ħadd fiha.

7.18 Is-Sindku talab lis-Seg. Eżekuttiv sabiex tibgħat l-invoices lid-Dipartiment Gvern Lokali tal-pagamenti b'lura lil Kunsill tal-iskrivana Christine Fenech peress li l-Kunsill għandu jiġbor minn Novembru 2013 'il quddiem.

*Horace Micallef:*

7.19 Horace Micallef issuġerixxa li għandu jsir iż-żbir tas-siġar tal-ħarrub fi Triq Kardinal Franchi. Is-Sindku qal li huwa daħallu l-istess ilment. Is-Sindku ser jieħu r-ritratti neċessarji sabiex il-Kunsill ikun jista' japplika mal-MEPA. Is-Sindku ssuggerixxa li għandhom jinżebgħu l-bankijiet ta' dawn l-inħawi.

*Seg. Eżekuttiv:*

7.20 L- Ex-Aġent Segretarja, is-Sinjura Amanda Abela fejn talbet li tiġi mħallsa 61.5 siegħa għax-xahar ta' Lulju 2014. Il-membri qablu li għandha ssir verifika mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali meta spiċċat mill-kariga ta' Aġent Segretarja. U tagħti spjegazzjoni għas-siegħat li


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555


S. Boy

ntalab il-ħlas għalihom. Inġibdet l-attenzjoni li fost l-emails li ma ġewx imwieġba, kien hemm l-email tal-Kumitat Reġjonali għal Għawdex, fejn is-Sur Ian Bajada ried tagħrif dwar xi proġetti li qed jagħmel il-Kunsill bħalissa jew inkella li ser jagħmel fil-futur qarib u li kienet tagħlaq fil-4 ta' Lulju 2014 f'nofsinhar, izda x'ħin is-Seg Eżekuttiv marret biex tweġiba fis-7 ta' Lulju 2014 wara li bdiet taħdem mal-Kunsill fl-istess ġurnata ġiet infurmata mis-Sur Bajada li iz-zmien tar-risposta skada u l-informazzjoni miġbura kienet diġa intbagħtet lis-Seg. Permanenti tal-Ministeru għal Għawdex, is-Sur John Borg. Rigward il-Proċess tad-devoluzzjoni tal-istreet lighting ma ngħatawx risposta fil-ħin mill-Ex Aġent SE u weġbet l-email ukoll is-Seg. Eżekuttiv.

7.21 Is-Segretarja infurmat lil preżenti li l-kuntrattur tal-ġbir ta' skart domestiku talab sabiex il-Gimgħa, 15 t'Awwissu l-iskart ma jinġabarx iżda minflok jinġabar il-Ħamis, 14 t'Awwissu. Is-Sur Horace Micallef sostna li kien hemm ftehim bejn il-Kunsill u l-Kuntrattur sabiex il-ġranet ta' ġbir ta' skart domestiku ikunu it-Tnejn, l-Erbgħa, il-Gimgħa u s-Sibt waqt li l-ġbir ta' skart separat ikun kull nhar ta' Tlieta. Il-membri ma qablu ma dan u għalhekk għandu jibqa' kollox kif miftiehem. Għandha ukoll tintbagħat ittra lil kuntrattur li l-iskart fi Sqaq Nru 3 fi Triq il-Għajn mhux qed jinġabar u l-*bins* ta' Triq Kardinal Alessandro Franchi u Triq John Gaspard de le Marchant mhux jitbattlu.

7.22 Fr Marcell Portelli rringrazzja lil Kunsill rigward il-bank ta' quddiem iz-zuntier tal-Knisja peress li l-Kunsill żammlu €111 bil-prezz tad-*depreciation.*

7.23 Is-Segretarja infurmat lil preżenti li talbet lil Perita Ivana Farrugia sabiex issir laqgħa fuq il-post flimkien magħha, mas-Sindku u ma Ray Bonello rigward ir-restawr tan-niċċa ta' Pjazzetta fuq it-Tomb konfini tal-Fontana.

Il-laqgħa ntemmet fil-5.35 ta' fil-għaxija. Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa, 27 t'Awwissu 2014 fit-3.00 ta' wara nofsinhar.

Saviour Borg
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555